MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 485/1996/1

**L & D Attard Company Limited**

**Vs**

**Maurice Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tat-13 ta' Frar 1996 fejn gie premess:

Illi b'kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tal-25 ta' Marzu 1991 il-konvenut biegh lis-socjeta` attrici art f'Rahal Gdid ta' cirka seba' mija u hamsin metri kwadri maghrufa bhala ta' Wilga Paola u ai termini ta' l-imsemmi kuntratt is-socjeta` attrici kien ghad fadlilha thallas bilanc;

Illi sussegwentement ghall-kuntratt irrizulta li din l-art ma kinitx kollha tal-konvenut kif kien biegh l-konvenut billi b'kuntratt ta' l-24 ta' Frar 1933 fl-atti tan-Nutar Giovanni

Pace din kienet giet trasferita lil Antonio Cuschier, Giovanni Coleiro di Massimo u Giovanni Coleiro di Giuseppe f'sest kull wiehed ta' l-art;

Illi l-werrieta taghhom interpellawhom fuq dan is-socjeta` attrici kellha tixtri s-sehem taghhom b'kuntratt tas-26 ta' Settembru 1995 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone;

Illi minkejja li l-konvenut gie debitament infurmat b'dan mis-socjeta` attrici dan baqa' jinsisti ghall-hlas tal-bilanc tant li pproceda bil-bejgh fis-subbasta numru 34/94 ghal dan;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici llil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-art imsejha tal-Wilga f'Rahal Gdid tal-kejl ta' seba' mija u hamsin metri kwadri (750m²) li qeghda fuq zewg toroq u cioe` Corradino Rd u Princess Mary Street li nbieghet mill-konvenut lis-socjeta` attrici ma kinitx kollha tieghu fil-25 ta' Marzu 1991;

2. Tiddikjara x'kien sehem il-konvenut fil-25 ta' Marzu 1991;

3. Tordna konsegwentement l-korrezzjonijiet necessarji u mehtiega fl-imsemmi kuntratt ta' bejgh;

4. Tiddikjara l-atti tal-bejgh fis-subbasta numru 34/94 irriti u nulli billi qed jitolbu l-bejgh ta' haga li ma hiex dovuta lill-konvenut;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-17 ta' Marzu 1997 tal-konvenut Maurice Vassallo fejn gie eccepit:

Illi preliminarjament l-irritwalita` ta' l-istanza stante li messha giet citata in atti ukoll mart il-konvenut;

Illi subordinarjament l-eventwalita` tal-proceduri odjerni stante nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju ghaliex se mai minn qed jallega li hu l-propjetarju messu jifforma parti fil-kawza;

L-irritwalita` ta' l-istanza odjerna minhabba nuqqas ta' interess guridiku tal-konvenut;

Illi, in oltre, l-konvenut kien akkwista l-art bi preskrizzjoni akkwizittiva u ilu jipposjediha cioe` hu u l-aventi kawza tieghu, ghal aktar minn erbghin sena. Ghalhekk skond l-artiklu 2143 l-azzjoni hi altroche estinta;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Ezaminat is-sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni il-konvenut eccepixxa l-irritwalita' ta' l-istanza peress li martu ma gietx imharrka fil-kawza. Ghalkemm ma esebix kopja tac-certifikat taz-zwieg tieghu, jirrizulta mill-kuntratt ta' bejgh tal-5 ta' Dicembru 1990 fl-atti tan-Nutar John Patrick Hayman li Victoria Vassallo nee Mifsud hija mart il-konvenut Maurice Vassallo u ghalhekk meta giet intavolata l-kawza il-konvenut kien diga mizzewweg;

Illi il-kawza odjerna giet introdotta wara li saru l-emendi fil-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-Att XXI tal-

1993. Skond Artikolu 1322(2) kif emendat l-amministrazzjoni straordinarja ta' l-akkwisti u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja jmissu liz-zewg mizzewgin flimkien. Il-kaz in kwistjoni jirrigwarda bicca art li s-socjeta` attrici allegatament xtrat minghand il-konvenut, u l-istess socjeta` attrici qed titlob lill-Qorti tiddikjara li ma kinitx kollha tieghu. Il-konvenut fl-affidavit tieghu xehed li l-art in kwistjoni kienet ilha fil-familja tieghu ghal hafna snin, u sahansitra kien anke inkludiha fid-denunzja meta miet missieru. Ghalhekk peress li hawn si tratta ta' propjeta li allegatament inbieghet mill-konvenut u li hija allegatament propjeta` parafernali tieghu, l-amministrazzjoni taghha u d-dritt li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwarha ma tispettax lill-mara tal-konvenut u allura l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda;

Illi fit-tieni eccezzjoni il-konvenut eccepixxa l-irritwalita' tal-proceduri ghaliex min qed jallega li hu propjetarju missu jifforma parti fil-kawza. Huwa argumenta fis-sottomissjonijet tieghu li ladarba qed jigi allegat li parti mill-art mibjugha lis-socjeta` attrici ma kinitx tal-venditur izda ta' terzi, allura s-sentenza, tkun xi tkun id-decizjoni tal-Qorti ser taffettwa l-interessi ta' dawn it-terzi. Fil-kaz in kwistjoni mhemmx dubju li t-terzi imsemmija mis-socjeta` attrici ghandhom interess jipprotegu l-propjeta` taghhom in kwistjoni. Dikjarazzjoni dwar jekk l-art kinitx kollha jew in parti tal-venditur ser taffettwa t-titlu ta' propjeta ta' dawn it-terzi fuq l-art in kwistjoni u ghalhekk l-istess terzi ghandhom ikollhom id-dritt li jressqu l-provi taghhom. Altrimenti f'kaz li jkun hemm decizjoni fejn it-talbiet jigu michuda u jigi dikjarat li x-xerrej kien il-propjetarju ta' l-art kollha, it-terzi jigu kostretti biex jinizzjaw proceduri huma, u dan imur kontra l-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzju. Ghalhekk l-assenza ta' dawn it-terzi fl-kawza jwassal ghal nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju;

Fit-tielet eccezzjoni l-konvenut eccepixxa n-nuqqas ta' interess guridiku tieghu. Is-socjeta` attrici L & D Attard Company Limited ghamlet din il-kawza abbazi tal-kuntratt ta' bejgh tal-25 ta' Marzu 1991 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar li permezz tieghu hija flimkien ma' certu Carmelo

Ciantar akkwistat l-art maghrufa bhala Tal-Wilga f'Rahal Gdid minghand il-kumpanija Medcast Foundary Ltd. Il-konvenut Maurice Vassallo deher fuq il-kuntratt f'isem u ghan-nom tal-Medcast Foundary Ltd, is-socjeta` venditrici. Ghalkemm il-konvenut deher ukoll f'ismu *proprio* fuq l-att, kien qed jidher biss bhala bhala garanti u mhux bhala venditur kif gie premess mis-socjeta` attrici;

Illi din il-kawza saret biex il-Qorti tiddikjara li l-art li inbieghet mill-konvenut mhix kollha tieghu, tiddikjara x'kien effettivament is-sehem tieghu u anke tordna l-korrezzjonijiet opportuni fil-kuntratt. Pero` il-kuntratt juri li l-venditrici kienet is-socjeta` ghalhekk din il-kawza kellha tigi intavolata kontra l-Medcast Foundary Ltd u mhux kontra l-konvenut Maurice Vassallo li mhux il-legittimu kontradittur.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddecidiedi din il-kawza billi:-

Tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet preliminari u tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur